

Brussell, 4 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7163/24

ECOFIN 260
UEM 52
SOC 163
EMPL 91

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Investimenti soċjali u riformi għal ekonomiji reżiljenti - Ninvestu fin-nies biex nistimulaw il-produttività u l-prospetti tat-tkabbir

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota mħejjija mill-Presidenza bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Marzu 2024 bit-titlu "Investiment soċjali u riformi għal ekonomiji reżiljenti" li għaliha ġew mistiedna wkoll il-Ministri għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali.

INVESTIMENTI SOĊJALI U RIFORMI GĦAL EKONOMIJI REŻILJENTI

- **Ninvestu fin-nies biex nistimulaw il-produttività u l-prospetti tat-tkabbir -**

Il-kuntest soċjoekonomiku

L-UE qed tħabbat wiċċha ma' sfida konsiderevoli fil-qasam tal-kompetittività, mhux biss fil-mod kif nikkompetu globalment, iżda wkoll fit-tisħiħ tas-suq intern tagħna. Filwaqt li l-produttività hija l-mutur ewlieni tal-kompetittività u t-tkabbir, it-tkabbir medju tal-produttività fl-UE staġna matul l-aħħar għaxar snin, flimkien ma' sfidi persistenti f'termini ta' għoli tal-hajja¹. Wara l-irkupru ekonomiku esperjenzat wara l-kriżi tal-COVID-19, it-tkabbir ekonomiku trażżan fl-2023 u l-ekonomija tal-UE bdiet l-2024 fi stat aktar dgħajjef milli kien mistenni. Madankollu, is-suq tax-xogħol tal-UE għadu b'saħħtu, u r-rata ta' impjieg laħqet il-livell rekord tagħha ta' 75.4 % fl-2023.

Minkejja r-riżultati pożittivi ġenerali, is-swieg tax-xogħol qed jiffaċċjaw nuqqas storikament għoli ta' ħaddiema u ħiliet. Dawn in-nuqqasijiet jikkostitwixxu ostakli għall-potenzjal tal-produttività u t-tkabbir, kif ukoll għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija. Huma menħtieġa riformi u investimenti biex jiġi żgurat li n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet u l-ispariġġ bejniethom jiġu indirizzati b'mod xieraq, tul it-tranżizzjoni kollha lejn ekonomija diġitali u b'newtralità karbonika tal-UE².

¹ Ara l-Istharrig Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024.

² Ara r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024.

L-indirizzar tal-isfida fil-qasam tal-kompetittività huwa prijorità ewlenija għall-Presidenza Belġjana u x'aktarx ser jibqa' fokus ewlieni għall-aġenda strateġika li jmiss. In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet jaffettwa b'mod negattiv il-produttività u b'hekk ifixkel il-kompetittività u l-prospetti ta' tkabbir ekonomiku futur tal-Ewropa. It-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tal-UE għib magħha ħtiġijiet importanti ħafna fil-qasam tat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet kif ukoll sfidi għall-forza tax-xogħol f'termini ta' impjegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex din tibqa' valida għas-suq tax-xogħol tal-futur. L-inugwaljanzi persistenti u d-disparitajiet territorjali, anke fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi ta' interess ġenerali, l-edukazzjoni ta' kwalità u l-iżvilupp tal-ħiliet, madankollu, ikomplu jżommu lil ċerti gruppi tal-popolazzjoni milli jżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom. Fl-istess ħin, il-popolazzjoni tal-Ewropa li qed tixjieħ b'pass mgħaġġel hija mistennija li twassal għal forza tax-xogħol ferm iżgħar fis-snin li ġejjin, b'implikazzjonijiet negattivi wkoll f'termini ta' provvista ta' ħaddiema u ħiliet, filwaqt li l-UE għadha lura meta mqabbla ma' żoni ġeografiċi oħra fil-kapaċità tagħha li tattira ħaddiema b'ħiliet għolja minn pajjiżi terzi. Dan kollu jitlob approċċi innovattivi għall-politiki li jirrikonoxxu l-investment fin-nies bħala assi ewlieni għall-Ewropa.

F'dan l-isfond, fit-28 ta' Novembru 2023, il-Kunsill fil-formazzjoni EPSCO approva l-[Opinjoni](#)³ tal-Kumitat tal-Impjegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valur miżjud tal-investment soċjali u r-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew. L-investment soċjali huwa definit bħala nfiq pubbliku relatat ma' investimenti u riformi⁴ li, minbarra li jsegwu objettivi soċjali, huma mistennija jipproduċu riżultati f'termini ta' tkabbir ekonomiku permezz tal-impatt tagħhom fuq il-kapital uman u l-produttività, inkluż permezz ta' kapaċità innovattiva aktar b'saħħitha u l-assorbiment ta' teknoloġiji ġodda, u/jew il-provvista ta' haddiema⁵. Għalhekk, l-investment soċjali jinkludi:

- **It-tagħlim tul il-ħajja u t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet** tal-popolazzjoni adulta, li jappoġġaw korrispondenza aħjar bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet, b'implikazzjonijiet pożittivi għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-potenzjal tat-tkabbir.

³ Dok. ST 15418/2/23.

⁴ Fil-qasam tal-politiki dwar il-ħiliet, l-impjegi u l-inklużjoni.

⁵ Għalhekk, il-kwalifika tal-infiq soċjali bħala investment issir abbażi tal-impatt tat-tkabbir tiegħu, li huwa l-oġġett tal-interess ta' din in-nota. B'dan il-mod, l-objettiv huwa li jiġu identifikati dawk il-miżuri soċjali li jikkontribwixxu direttament għat-tkabbir ekonomiku. Dan ma jimplikax li tipi oħra ta' nfiq huma inqas ta' valur.

- **L-edukazzjoni**, b'mod partikolari **l-edukazzjoni u l-kura bikrija ta' kwalità u affordabbli tat-tfal**, li tgħin biex tingħata bażi b'saħħitha għal aktar tagħlim aktar tard fil-ħajja għat-tfal kollha, filwaqt li tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-ġenituri tagħhom fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi tagħti spinta lill-impjiegi tan-nisa.
- **Politiki attivi tas-suq tax-xogħol**, li jiffaċilitaw id-dħul fis-suq tax-xogħol kif ukoll il-korrispondenza tal-impjiegi u impjiegi ta' kwalità u li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet minn impjieg għall-ieħor (billi jiffaċilitaw l-aġġustamenti strutturali fl-ekonomija), u b'hekk irawmu tkabbir inklużiv u sostenibbli.
- Politiki għall-prevenzjoni ta' mard relatat max-xogħol u **l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabilità u/jew ħaddiema wara episodju ta' mard**.
- Riformi biex **titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol** u riformi tas-**sistemi ta' taxxa u benefiċċji** biex jiġu inċentivati l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u impjiegi ta' kwalità.

Il-kejl tar-riżultati ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti soċjali

Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' ċerti riformi soċjali u investimenti għat-tkabbir ekonomiku, jenħtieġ li jiġi investigat aħjar kif l-aħjar jiġu evalwati dawn ir-riżultati, li jiddependu fuq it-tfassil speċifiku tagħhom u fuq il-kuntest tal-implimentazzjoni. Il-kwantifikazzjoni ta' dawn ir-riżultati teħtieġ għodod analitiċi sodi, data amministrattiva u metodoloġiji robusti (bħal analiżijiet ex ante u ex post, evalwazzjonijiet tal-impatt kontrofattwali u analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji), filwaqt li l-Istati Membri bħalissa mhux dejjem ikollhom il-kapaċità amministrattiva li jwettquhom. **Sistemi adegwati ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, kif ukoll data dettaljata, robusta u aċċessibbli, huma strumentali biex jiġu segwiti l-effiċjenza u l-effettività tar-riformi u l-investimenti soċjali.**

Biex jipromwovu wkoll skambju tal-aħjar Prattiki u tagħlim reċiproku, il-Belġju u Spanja, li kellhom il-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bejn Lulju 2023 u Ġunju 2024, nedew Grupp ta' Ħidma Informali dwar l-Investment Soċjali (IWGSI) sabiex jittejjeb il-fehim komuni tal-impatt tar-riformi soċjali u l-investimenti fuq it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali**⁶. Fl-IWGSI ġew diskussi żewġ linji ta' ħidma ewlenin:**

- L-ewwel waħda esplorat l-evidenza empirika ta' riżultati mikroekonomiċi u makroekonomiċi tar-riformi soċjali u l-investimenti. Taħt din il-linja ta' ħidma, l-IWGSI ffoka fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-forniment ta' servizzi;
- It-tieni waħda ffokat fuq l-effiċjenza u l-effettività ta' dawn il-politiki. B'mod partikolari, id-diskussjonijiet iffukaw fuq l-użu u d-disponibbiltà tal-għodod tal-valutazzjoni tal-impatt, fuq il-kapaċità statistika, u fuq il-governanza u d-disponibbiltà tad-data.

Rilevanza għas-Semestru Ewropew

It-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien tal-impjegi, l-istabbiltà finanzjarja u finazi pubbliċi sodi** huma fil-qalba tas-Semestru Ewropew. It-tnaqqis tal-proporzjonijiet tad-dejn u d-defiċits għal livelli prudenti filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi soċjali u tal-impjegi u t-tiġid tar-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-konverġenza 'l fuq huma objettivi ewlenin tal-UE. L-**iżgurar tat-tfassil tajjeb u l-fehim tal-impatt potenzjali tar-riformi u l-investimenti soċjali fuq it-**tkabbir ekonomiku, is-sostenibbiltà fiskali u l-ġustizzja soċjali** huma għalhekk kruċjali biex jissawru politiki ekonomiċi, soċjali u tal-impjegi futuri b'mod integrat, u biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi pubbliċi, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità produttiva tal-ekonomiji tagħna.****

⁶ Fl-aħħar mill-aħħar, fid-diskussjonijiet tal-IWGSI, hađu sehem rappreżentanti tal-pajjiżi kollha tal-UE flimkien ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew u s-Sħab Soċjali Ewropej. Il-presidenti tal-Kumitat tal-Impjegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ġew mistiedna jieħdu sehem mill-bidu nett, filwaqt li l-presidenti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika ġew mistiedna minn Diċembru 2023 'il quddiem. Sinteżi tas-sejbiet ewlenin tal-IWGSI tista' tinstab hawnhekk: <https://employment.belgium.be/en/joint-meeting-ecofin-and-epsco-ministers>.

Mistoqsijiet lill-Ministri:

1. X'effetti pożittivi jħallu r-riformi u l-investimenti soċjali fuq it-tkabbir ekonomiku u fuq is-sostenibbiltà fiskali? Liema riformi reċenti fl-oqsma soċjali u tal-impjiegi fl-Istat Membru tiegħek urew li jikkontribwixxu għal potenzjal ogħla ta' tkabbir?
 2. Kif tista' tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn il-*filières* tal-ECOFIN u l-EPSCO biex jiġi vvalutat aħjar l-impatt tal-investimenti u r-riformi soċjali fuq it-tkabbir ekonomiku, is-sostenibbiltà fiskali u l-koeżjoni soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew?
-